

## MISSJONI DJOĊESANA: ŻMIEN TA' "MISSJONI U TĦABBIRA"
(4-25 ta' Jannar)

« L-istorja dejjem uriet li l-bniedem jeħtieġ salvazzjoni li ma tistax tiġi minnu stess. Ħadd ma jista' jsalva lilu nnifsu. Il-bniedem għandu xewqat profondi li ma jistax jissodisfahom biss b'affarijiet materjali. San Mattew jirrakkonta wkoll fil-Vanġelu tiegħu ż-żjara tal-Maġi u jgħid li "**meta daħlu d-dar u raw lit-tifel ma' Ommu Marija, inxteħtu fl-art iqimuh"** (Mt 2,11). Il-Maġi kienu ġew mil-Lvant u l-vjaġġ tagħhom wassalhom fejn xtaqu. Imma għalihom issa kien beda vjaġġ ieħor, vjaġġ intern li bidlilhom ħajjithom. » *(Mill-Pastorali tal-Isqfijiet għall-Avvent 2008)*

• Il-Ħadd 4 ta' Jannar, tibda t-tieni fażi tal-Missjoni Djoċesana: iż-żmien ta' Missjoni u Tħabbira. Dan iż-żmien hu marbut mal-festa tal-Epifanija, jiġifieri meta Ġesu' deher bħala s-salvatur tal-bnedmin kollha. Hi xewqa tal-Knisja f'Għawdex li matul din is-Sena Pawlina l-familji kollha tagħna jtennu mill-ġdid l-"IVA" tagħhom kollha mħabba lil Ġesu' li ġie fostna biex isalvana. Hi xewqa tal-Knisja f'Għawdex li lkoll kemm aħna nġeddu u nsaħħu l-vjaġġ tal-fidi tagħna.

- Grupp kbir ta' lajċi u Reliġjużi se jkunu mibgħuta mill-Isqof biex iżuru l-familji kollha ta' Għawdex. Dawn il-lajċi u reliġjużi, imsejħa "missjunarji", tnejn tnejn, se jwettqu din il-missjoni kuljum, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn il-5 u t-23 ta' Jannar.
- Iż-żjara fil-familja ddum madwar kwarta. Kull koppja ta' missjunarji żżur tmien familji kull darba. Matul iż-żjara fil-familji jkun hemm mument ta' talb flimkien. Il-missjunarji se jagħtu l-Ewwel Ittra ta' San Pawl lill-Korintin lil kull familja, biex bħala familji Nsara nsiru aktar midħla tal-Kelma ta' Alla.
- Iż-żjarat isiru bejn l-4 u t-8p.m. Il-familji fejn ikunu se jsiru ż-żjajjar ikun avżati xi ġranet qabel, bil-ġurnata u l-ħin.
- Tkun ħaġa sabiħa li għal dawn iż-żjajjar tkun preżenti l-familja kollha.

*Dun Giovanni Curmi, Segretarju Pastorali*

***Mill-Kalendarju Djoċesan:***

***Il-Ħamis 1 ta' Jannar:*** It-42 Jum il-Paċi.
***Il-Ġimgħa 2 ta' Jannar:*** Laqgħa ta' Formazzjoni għall-Missjunarji Lajċi (Santwarju Madonna ta' Pinu 7.00p.m.)
***Is-Sibt 3 ta' Jannar:*** Laqgħa għas-Saċerdoti Awguri tas-sena l-ġdida (Seminarju 9.00a.m.)
***Il-Ħadd 4 ta' Jannar:*** Ċelebrazzjoni djoċesana tal-Mandat tal-Missjunarji (Katidral - 6.00p.m.)

***Mons Isqof Mario Grech jawgura Sena Tajba mimlija b'kull don mis-Sema lill-membri kollha tas-soċjeta' Għawdxija, speċjalment lil min hu marid, imweġġa', waħdu, jew għaddej minn mumenti diffiċli fil-ħajja tiegħu.***

## It-Talba tal-ġimgħa

Mulej Ġesu, saħħaħ il-preżenza tiegħek fil-familji tagħna biex xejn ma jifred dak li inti għaqqadt fl-imħabba.

gozopress • 21551534





# Bullettin tal-Ħadd
Sena Pawlina
2008 - 2009

Il-Familja Mqaddsa • Sena B • L-40 Sena (2074) • 28 ta' Diċembru 2008


## FESTA TAL-FAMILJA MQADDSA ĠESU, MARIJA U ĠUŻEPPI


*Dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna*

Marija u Guzeppi ħadu lil Gesu' Ġerusalemm biex jippreżentawh lill-Mulej, kif hemm miktub fil-Liġi tal-Mulej. F'Ġerusalemm kien hemm wieħed, jismu Xmun, raġel ġust u tajjeb, li kien jistenna l-faraġ ta' Iżrael u li kellu l-Ispirtu s-Santu fuqu. L-Ispirtu s-Santu kien nebbħu li ma kienx se jara l-mewt qabel ma jara l-Messija tal-Mulej. Mar mela fit-tempju, mqanqal mill-Ispirtu, u xħin il-ġenituri daħlu bit-tarbija Ġesù biex jagħmlulu dak li kienet trid il-Liġi, huwa laqgħu fuq dirgħajh, bierek lil Alla u qal: "Issa, o Sid, tista' tħalli l-qaddej tiegħek imur fis-sliem, skond kelmtek, għaliex għajnejja raw is-salvazzjoni tiegħek li int ħejjejt għall-popli kollha, dawl biex idawwal il-ġnus, u glorja tal-poplu tiegħek Iżrael." Missieru u ommu baqgħu mistagħġba b'dak li kien qiegħed jingħad fuqu. Xmun berikhom, u qal lil ommu Marija: "Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Iżrael; se jkun sinjal li jmeruh, - u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek! - biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna." Meta temmew kull ma kellhom jagħmlu skond il-Liġi tal-Mulej reġgħu lura lejn il-Galilija fil-belt tagħhom ta' Nazaret.U t-tifel baqa' jikber u jissaħħaħ, mimli bl-għerf. U l-grazzja ta' Alla kienet fuqu. (Lq 2, 22-40)

### RIFLESSJONI

- Iżżomm il-Familja Mqaddsa bħala xempju għall-familja tiegħek?
- Fil-familji tagħna tinħass il-preżenza ta' Ġesu', jew ma' hemm ebda xbieha qaddisa?
- Liema huma l-veri teżori tagħna ġewwa l-familja? Qed napprezzaw biżżejjed ir-rigal ta' l-ulied ġewwa l-familja?
- Qed nuru sens ta' responsabilta' fil-formazzjoni nisranija ta' l-ulied ġewwa l-familja ?
- Fil-familja jinħass l-ispirtu ta' djalogu bejn il-ġenituri u l-ulied?
- Il-familja iżżomm r-rabta ma Alla bit-talb?